MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 369/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Audrey McCormick**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Audrey McCormick fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' E-Corporate English Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqset sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattiva li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (5)

id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-30 ta' Gunju 2007 sat-30 ta' Gunju 2008.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmija Audrey McCormick tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista' taghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi t-tliet xhur, taht multa ta' mhux inqas minn erba' euro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn tlieta u ghoxrin euro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Audrey McCormick hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha multa ta' tmien mitt euro (€800). Dik il-Qorti ordnat lill-istess Audrey McCormick, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza tikkonforma ruhha mal-ligi u fin-nuqqas tehel multa ohra ta' hmistax-il euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Audrey McCormick ipprezentat fis-16 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija;

Rat in-nota ta' l-appellanti pprezentata fid-29 ta' Jannar 2009 li permezz taghha esebiet kopja tad-denunzja mertu ta' dan l-appell li mtliet mid-direttrici tas-socjeta` E-Corporate English Ltd., Deborah Schwarz;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti mill-appellanti permezz tan-nota taghha tad-29 ta' Lulju 2009;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-prosekuzzjoni kellha ggib prova li l-appellanti hija persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; (2) il-prosekuzzjoni kellha ggib prova li l-appellanti ghandha s-setgha tirrapprezenta u tidher fuq atti u dokumenti ufficjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' E-Corporate English Ltd.; (3) bla pregudizzju ghall-premess, l-appellanti la hija persuna registrata mal-Kummissarju u lanqas ma ghandha r-rapprezentanza tas-socjeta` E-Corporate English Ltd. La l-*memorandum and articles of association* tal-kumpanija u lanqas il-ligi ma jaghtuha, bhala *company secretary*, id-dritt li tiffirma tali dokumenti u ghalhekk ma setghetx titqies responsabbli li tibghat id-denunzja in kwistjoni; (4) ghalhekk u bla pregudizzju, kien impossibbli ghaliha li timla l-formula rikjesta galadarba lanqas ma kellha l-informazzjoni necessarja biex timliha; (5) il-presunzjoni kif applikata mill-ewwel Qorti, li la darba hija kienet giet infurmata mid-Dipartiment li d-denunzja ma kinitx mibghuta kienet responsabbli ghall-mili u prezentata ta' l-istess dokument, tivvjola d-drittijiet fondamentali taghha. Tghid li mill-fatt biss li persuna kienet taf li qed isir reat, il-ligi timplika li kienet taqbel u ghalhekk komplici mar-reat. Il-fatt li wiehed kien jaf bir-reat u ghamel kollox biex iwaqqaf li dan ir-reat ikun kommess, jew ahjar, ghamel li seta' biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, hija kompletament irrelevanti. Fil-fatt biex wiehed jiehu l-passi rikjesti biex jipprova jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, qabel xejn irid ikun jaf bl-irregolarita`. Ghalhekk fil-kaz prezenti kien ikun impossibbli li l-appellanti ma tkun taf b'xejn bis-sitwazzjoni irregolari u tkun ghamlet kollox biex tirregolarizza s-sitwazzjoni. It-tehid ta' passi biex tirregolarizza sitwazzjoni dejjem jirrikjedi, xi ftit jew wisq, ix-xjenza ta' l-irregolarita`. Mhuwiex ragonevoli li wiehed jitqies responsabbli ghall-irregolarita` meta ghamel proprju dak kollu li seta' biex il-pozizzjoni tkun regolari. Fil-kaz odjern l-applikazzjoni tal-presunzjoni hija irragjonevoli peress illi l-appellanti ma setghetx timla l-formula minghajr ma tkun qed topera b'mod *ultra vires* u bi ksur tar-rwol fiducjarja taghha (li bhala avukat ma tippermettilhiex li taghmel kwalsiasi att li taf li ma ghandha l-ebda awtorita` li

taghmilha). Ghalhekk, tissottometti l-appellanti, il-presunzjoni in kwistjoni mhijiex ragjonevoli u tmur kontra d-drittijiet fondamentali taghha li jkollha smiegh xieraq u ma kellhiex tigi applikata fil-konfront taghha.

L-appellanti giet imharrka in rapprezentanza tas-socjeta` E-Corporate English Ltd. u ghalhekk huwa irrilevanti jekk l-appellanti personalment hijiex registrata jew le mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Hija fil-fatt giet imharrka fil-kwalita` taghha ta' Segretarja ta' l-istess kumpanija. Ghalkemm id-dokument esebit a fol. 7 u 8 (li jidher li hu *print-out* mill-*website* tal-MFSA) ma giex ikkonfermat bil-gurament, l-appellanti stess ma tichadx li fiz-zmien relattiv kienet Segretarja kif inghad. Anzi hija tikkonferma li kienet *Company Secretary* fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi: **"Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni ... ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni ...."**

Barra minn hekk l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi li **"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f' xi Att, ….isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, <u>segretarju</u> jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew tidher li kienet qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat "** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jigifieri meta l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrikorra ghand l-appellanti sabiex il-kumpanija msemmija tottempera ruhha mal-ligi, dan ghamlu skond id-dettami tal-ligi.

Inoltre, apparti xi tghid il-ligi tal-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta), il-ligi specjali li tirregola dar-reat u d-

dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act, li ghandhom applikazzjoni generali, jipprevalu fuq il-ligi tal-kumpaniji.

Ghaldaqstant l-ewwel tliet aggravji huma insostenibbli.

Permezz tar-raba’ aggravju l-appellanti tghid li kien impossibbli ghaliha li timla l-formula rikjesta, kemm ghax ma kellha l-ebda awtorita` u wisq anqas informazzjoni biex timliha. Ma kellhiex raguni temmen li jekk taghmel “NIL” *return* dan kien se jkun tajjeb. F’dar-rigward bizzejjed wiehed jirreferi ghal sentenzi ricenti ta’ din il-Qorti diversament presjeduta li ttrattaw sitwazzjonijet simili. Hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jean Carl Farrugia** moghtija fit-2 ta’ April 2009 intqal hekk :

“**Li jghid l-appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f’pozizzjoni li jara li d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.**

“**Pero` kif intqal fl-Appell Kriminali *Il-Pulizija v. Michael Stivala* fuq citat [22.4.2008] :**

***“‘Dan hu kaz ta’ non osservanza ta’ ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mil-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f’kull zmien u f’kull kaz.’ ”***

U f’**Il-Pulizija v. Robertino Tufigno** deciz fl-14 ta’ Lulju 2009, intqal :

**“Lanqas ma kien gust l-appellant mal-Ewwel Qorti meta qal li s-sentenza appellata kienet tikkostringieh li jibghat *returns* foloz jew *nil returns*. Dan assolutament mhux minnu. Is-sentenza appellata sabitu hati ta’ nuqqasijiet li ghalihom bil-ligi hu ritenut responsabbli dment li ghazel li jzomm il-kariga li kellu ….”**

Ghalhekk anke r-raba’ aggravju mhuwiex sostenibbli.

Permezz tal-hames aggravju taghha l-appellanti tghid illi l-presunzjoni kif applikata mill-ewwel Qorti, li la darba l-appellanti kienet giet infurmata mid-Dipartiment li d-denunzja ma kinitx mibghuta kienet responsabbli ghall-mili u prezentata ta’ l-istess dokument, tivvjola d-drittijiet fondamentali taghha. Skond l-abbli difensur ta’ l-appellanti, kif jirrizulta mill-verbal li sar fis-seduta tat-22 ta’ Lulju 2009, gew vjolati d-drittijiet ta’ l-appellanti ghal smigh xieraq u l-presunzjoni ta’ l-innocenza. Ghalhekk talab li ssir riferenza kostituzzjonali. Qabel ma tigi deciza din il-kwistjoni pero`, irid jigi determinat jekk l-ewwel Qorti fil-fatt ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-fatti fid-dawl tad-difiza li l-ligi tipprovdi ghall-presunzjoni stabbilita fl-artikolu 82 tal-Kap. 406. Hawn irid jinghad illi dak li hu applikabbli huwa l-ewwel subartikolu u mhux it-tieni subartikolu li l-ewwel Qorti erronejament irreferiet ghalih.

Is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 82 tal-Kap. 406 jipprovdi:

**“(1) B’zieda u minghajr pregudizzju ghal kull obbligazzjoni ta’ xi mpjegat jew persuna ohra, meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta’ persuni, id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima ghandhom japplikaw bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew ufficjal principali iehor ta’ dak il-korp ta’ persuni: <u>izda direttur, manager jew ufficjal principali iehor ta’ korp ta’ persuni ma jkunx hati ta’ reat bis-sahha ta’ dan is-subartikolu jekk huwa jgib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b’diligenza ragonevoli jsir jaf b’dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta’ jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas</u>”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Mix-xiehda mhux kontradetta ta’ l-appellanti jirrizulta li hija ma kinitx taf bin-nuqqas tal-kumpanija li tissottometti r-*returns*. Jekk setghetx “b’diligenza ragonevoli” ssir taf huwa diskutibbli. Dan ghaliex, apparti li r-*remit* taghha ma kienx jinkludi li tissottometti r-*returns* lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ma tihux hsieb kwistjonijiet ta’ natura finanzjarja, hija qatt ma kellha trattattivi mad-

Dipartiment tal-VAT u qatt ma rceviet xejn minghand dak id-Dipartiment. Difatti – u dan differentement minn kazijiet ohra simili li gew decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta[1] – ir-*returns* ma kinux jintbaghtu lill-appellanti izda kienu jintbaghtu lid-Direttur Deborah Schwartz li kienet applikat ma’ dak id-Dipartiment ghar-registrazzjoni tal-kumpanija E-Corporate English Ltd. ghall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud (ara Dok. SP2 a fol. 4 – 5). Tant hu hekk li r-*returns* li gewipprezentati fil-mori ta’ l-appell gew kollha ffirmati mill-imsemmija Deborah Schwartz. L-ewwel darba li l-appellanti rceviet xi haga minghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien f’Lulju 2008, jigifieri wara l-iskadenza tal-perijodu li dwaru hija giet imharrka. Barra minn hekk mix-xiehda ta’ l-appellanti jirrizulta illi l-imsemmija Deborah Schwartz sahansitra kellha appuntament mad-Dipartiment fit-22 ta’ Settembru 2008 flimkien ma’ l-awditur taghha dwar dak kollu li kellu x’jaqsam mat-taxxa fuq il-valur mizjud. Nonostante dan, il-Kummissarju tal-VAT xorta ghazel li fil-5 ta’ Settembru 2008, mela qabel l-imsemmi appuntament u nonostante tali appuntament, jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jiehu passi kontra l-appellanti. F’dan il-kaz partikolari din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti wriet, almenu fuq bilanc ta’ probabbilita`, li hija ma kinitx f’posizzjoni li setghet ragonevolment tkun taf qabel dwar in-nuqqas li jintbaghtu r-*returns* u ghalhekk ma kinitx f’posizzjoni li zzomm milli jsir tali nuqqas.

Konsegwentement l-appell jimmerita akkoljiment u m’hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra l-kwistjoni jekk ghandhiex issir riferenza kostituzzjonali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberaha.

---

[1] **Il-Pulizija v. Jean Carl Farrugia**, 2 ta’ April 2009; **Il-Pulizija v. Robertino Tufigno**, 14 ta’ Lulju 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------